

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1128**tal-1 ta' Lulju 2019****dwar id-drittijiet ta' aċċess għar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza u għat-tweġibiet maħżuna fir-Repożitorju Ċentrali Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni 2012/780/UE****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, ir-rakkomandazzjonijiet kollha dwar is-sikurezza u t-tweġibiet kollha għalihom għandhom jiġu rreġistrati fir-repożitorju ċentrali.
- (2) Ir-repożitorju ċentrali msemmi fil-premessa 1 huwa stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 376/2014 bħala r-Repożitorju Ċentrali Ewropew.
- (3) Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 376/2014, l-aċċess għar-rapporti dwar l-okkorrenzi maħżuna fir-Repożitorju Ċentrali Ewropew huwa ristrett minħabba n-natura kunfidenzjali tagħhom. Min-naħa l-oħra, hemm interess leġittimu li jingħata aċċess pubbliku għar-rakkomandazzjonijiet kollha dwar is-sikurezza u t-tweġibiet għalihom minħabba l-fini ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 li jitnaqqas in-numru ta' aċċidenti u li tiġi promossa d-disseminazzjoni ta' sejbiet dwar inċidenti relatati mas-sikurezza. L-eżistenza ta' tali interess leġittimu hija kkonfermata wkoll mill-fatt li r-rapporti ta' investigazzjoni dwar is-sikurezza, li ta' spiss jinkludu rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza, iridu jsiru pubbliċi skont ir-Regolament (UE) Nru 996/2010.
- (4) Skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 376/2014, il-Kummissjoni trid tadotta arranġamenti għall-ġestjoni tar-Repożitorju Ċentrali Ewropew. Peress li, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda aċċess dirett għar-Repożitorju Ċentrali Ewropew, ir-rakkomandazzjonijiet kollha dwar is-sikurezza u t-tweġibiet kollha għalihom li jinsabu fir-Repożitorju Ċentrali Ewropew jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku ġenerali permezz ta' sit web pubbliku separat.
- (5) Jenħtieġ li jiġi żgurat f'kull ħin u fil-livelli kollha li, fir-rigward tal-ħżin, l-ipproċessar u l-iskambju tad-*data*, jiġu rispettati l-obbligi dwar il-protezzjoni tad-*data* personali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ u fir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/780/UE ⁽⁵⁾ jenħtieġ li titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni, li meta mqabbla mad-Deċiżjoni 2012/780/UE, jenħtieġ li tistabbilixxi aċċess pubbliku mhux biss għar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza iżda wkoll għat-tweġibiet għalihom.

⁽¹⁾ ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/780/UE tal-5 ta' Diċembru 2012 dwar id-drittijiet ta' aċċess għar-Repożitorju Ċentrali Ewropew tar-Rakkomandazzjonijiet dwar is-Sikurezza u t-tweġibiet tagħhom stabbilit bl-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 342, 14.12.2012, p. 46).

- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁶⁾,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi miżuri dwar il-ġestjoni tar-Repożitorju Ċentrali Ewropew stabbilit skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 fir-rigward tal-aċċess għar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza skont it-tifsira tal-Artikolu 2(15) tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 u għat-tweġibiet għalihom irreġistrati skont l-Artikolu 18(3) tal-istess Regolament.

Artikolu 2

Stat tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza u t-tweġibiet għalihom

Ir-rakkomandazzjonijiet kollha dwar is-sikurezza u t-tweġibiet kollha għalihom li jinsabu fir-Repożitorju Ċentrali Ewropew għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku ġenerali permezz ta' sit web pubbliku li għandu jiġi stabbilit u ġestit mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Protezzjoni tad-data personali

L-ipproċessar tad-data personali fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.

Artikolu 4

Kunfidenzjalità

It-tweġibiet għar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza ippublikati skont din id-Deċiżjoni ma għandu jkun fihom ebda informazzjoni ta' natura kunfidenzjali. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri xierqa f'dak ir-rigward.

Artikolu 5

Tħassir

Id-Deċiżjoni 2012/780/UE titfassar.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).